20 ta' Marzu, 1954

Imħallef :
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giuseppe Zahra

**Art. 23 tal-Kodiċi Kriminali — Rinviju — Terminu — Nullità — Art. 520 u 514 tal-Kodiċi Kriminali, u art. 61 tal-Kap. 15**

*Meta wieħed ikun gie liberat minn reat taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, u jikkommetti delitt ieħor fiż-żmien preskrizzjonali, il-Qorti li ssibu ħati tat-tieni reat tikkundannah ta' dak it-tieni reat, u, jekk il-Qorti tkun oħra, tirrimettieh lil dik il-Qorti biex din, fi żmien jumejn, tiffissa l-ġurnata għas-smiegħ tal-kawża dwar l-ewwel reat.*

*Dan it-terminu ta' jumejn jibda jgħaddi mhux minn meta l-proċess rinvijat jitqiegħed quddiem il-Magistrat, imma minn meta l-proċess rinvijat imur fir-Reġistru tal-Qorti "ad quam".*

*Barra minn dan, it-terminu ta' jumejn huwa għall-appuntament tal-kawża mill-Qorti "ad quam", u mhux ukoll għas-smiegħ tal-kawża.*

*Dane, però, ma hux terminu fatali; b'mod li, jekk ma jiġux osservati dawn il-preċetti, dan in-nuqqas ma jġibx għall-annullament tal-proċediment u għall-konsegwenti impunità ta' l-artikolat li kiser l-obligazzjoni minnu assunta li ma jikkommettix reat ieħor fiż-żmien preskrizzjonali ta' l-ewwel reat; salva r-responsabilità, legali jew dipartimentali, ta' l-uffiċjal li jkun ittraskura li jġib il-proċess quddiem il-Maġistrat b'mod li jkun impossibbli l-appuntament tal-kawża fiż-żmien preskritt.*

Dan hu appell ta' l-imputat;

Il-fatti tal-każ huma dawn. Din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha, b'sentenza tal-15 ta' Diċembru, 1953, sabet lill-appellant ħati ta' delitt u kkundannatu, u fl-istess ħin irrimettietu quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, peress li, b'sentenza ta' din il-Qorti issa msemmija, Zahra kien ġie misjub ħati ta' serq u liberat kondizzjonatament. Dan ir-rinviju sar bis-saħħa ta' l-art. 520 Kap. 12, li fil-parti rilevanti għal dan il-każ jgħid hekk: "...... jekk il-Qorti tkun oħra, għandha tibgħat lil dik il-persuna quddiem l-Ewwel Qorti, u din għandha, żmien jumejn tax-xogħol, tiffissa l-ġurnata biex fiha tisma ......";

Il-Qorti t'Isfel tat żewġ deċiżjonijiet: waħda dik tat-13 ta' Jannar, 1954, li biha rrespinġiet l-eċċezzjoni ta' l-imputat li l-Qorti ma kienetx iffissat il-jum tas-smiegħ fi żmien jumejn; u l-oħra dik tal-15 ta' Jannar, 1954, li biha kkundannat lill-imputat għad-delitt ta' qabel, li għalih kien ħa l-benefiċċju ta' l-art. 23, għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien xahrejn;

Id-difiża qegħedha tattakka ż-żewġ deċiżjonijiet b'dan l-appell;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni (verbal tas-6 ta' Marzu, 1954), ma tikkontestax li, mhux biss is-smiegħ, imma lanqas l-appuntament ma sar fi żmien jumejn minn mindu l-proċess rinvijat ġie riċevut fir-Reġistru tal-Qorti t'Isfel;

Għar-rigward tad-deċiżjoni preliminari mpunjata, jipprospettaw ruħhom dawn il-kwistjonijiet:

1. It-terminu ta' jumejn imsemmi fl-art. 520 jibda jgħaddi minn mindu l-proċess rinvijat imur fir-Reġistru tal-

Qorti "ad quam" jew minn mindu jitqiegħed quddiem il-Maġistrat?

2. F'dak it-terminu ta' jumejn għandu jsir l-appuntament biss, jew anki s-smiegħ?

3. X'inhi l-konsegwenza jekk dan *it-terminu* ma jiġix osservat?

Dwar l-ewwel punt:

Fid-deċiżjoni mpunjata tat-13 ta' Jannar, 1954, il-Maġistrat irritjena li t-terminu *jibda jgħaddi minn mindu* l-proċess jitqiegħed quddiem il-Maġistrat;

Hu ċar li din l-interpretazzjoni hi skorretta. Il-liġi, meta pprefiġġiet dan it-terminu, kellha xi skop; u dan l-iskop jiġi għal kollox newtralizzat kieku tiġi aċċettata l-interpretazzjoni li tat il-Qorti t'Isfel; għax jista' jagħti l-każ (kif ġara f'dan) li l-proċess, għal xi raġuni jew oħra, ma jinġiebx quddiem il-Maġistrat ħlief wara li jkun ġa għadda t-terminu ta' jumejn mir-riċezzjoni tiegħu. B'dan il-mod il-proċess jista' jibqa' sospiż indefinitament, għax il-proċess jista' jibqa', għal traskuraġini ta' l-uffiċjali tar-Reġistru jew raġuni oħra, fir-Reġistru, u ntant, skond id-deċiżjoni preliminari appellata, it-terminu ta' jumejn lanqas biss jibda jgħaddi. Għandu jiġi osservat li l-liġi, fl-art. 520, użat il-kelma "Qorti", u mhux il-kelma "Maġistrat" kif għamlet f'diversi dispożizzjonijiet tagħha meta riedet taċċenna għal funzjonijiet personali għall-Maġistrat, bħal, per eżempju, fl-art. 388(1), 403(2), 410(3) Kap. 12, eċċ. eċċ. Hu elementari li l-proċessi ma jiġux mibgħuta lill-ġudikant personalment, imma fir-Reġistru; u bir-riċezzjoni tagħhom fir-Reġistru jitqiesu li ġew quddiem il-Qorti li tagħha jkun dak ir-Reġistru. L-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti tagħti lill-Maġistrat karattru personali, li, bħala Maġistrat eżerċenti l-funzjonijiet tiegħu, hu ma għandux, għax bħala Maġistrat hu jikkostitwixxi l-Qorti; tant li l-art. 379 Kap. 12 jgħid li kull Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja tikkonsisti f'Maġistrat. Ir-Reġistru hu parti mill-organament tal-Qrati; u r-Reġistratur għandu, b'liġi, l-obligu li jnexxi l-attijiet (ara art. 514 Kap. 12 kombinat ma' l-art. 61 Kap. 15 *Ediz. Riv.*), u kwindi għandu l-obligu li, f'każ bħal dan, iressaq ir-rinviju quddiem il-Maġistrat sol-

leċitament, *b'mod* li jista' jsir l-appuntament fi żmien *jumejn*;

Dwar it-tieni punt;

Verament, ladarba din il-Qorti qegħdha tirritjeni li t-*terminu ta'* jumejn *jibda* jgħaddi mhux mill-jum li fih il-*proċess* jitqiegħed quddiem il-Maġistrat, iżda mill-jum li fih il-*proċess* jiġi riċevut fir-Reġistru tal-Qorti "ad quam", u la darba f'dan il-każ, "ex concessis", lanqas l-appuntament ma sar fi żmien jumejn mir-riċezzjoni, għalhekk il-konsiderazzjoni ta' dan it-tieni punt tirrendi ruħha akkademika; imma, għar-regolament futur, jista' jingħad li, fil-fehma ta' din il-*Qorti*, il-kliem tal-liġi "*tiftissa* l-*gurnata*" raġjonevolment jfissru li t-terminu hu impost biex fih tiġi destinata l-gurnata *tas-smiegħ*, u mhux biex fih isir is-*smiegħ*; altrimenti l-liġi kienet tgħid "biex tiftissa l-gurnata u jsir is-smiegħ", jew "tiftissa l-gurnata u tinqata' l-kawża", jew kliem simili. Dan apparti li l-iskop tal-liġi *hu* raġġunt bl-appuntament fi żmien qasir, salv li mbagħad il-kawża tieħu l-kors ordinarju tagħha skond il-*proċeduri soliti*; u apparti li, jekk terminu *qasir* jista' agevolment jiġi prefiss għas-sempliċi formalità ta' l-appuntament, mhux, għal kuntrarju, agevoli li t-trattazzjoni u d-deċiżjoni tal-kawża tiġi kompressa fi żmien jumjen, għax jista' jkun hemm ostakolu minn naħa jew oħra;

Għalhekk f'dan il-każ, ġa ladarba l-jum tas-smiegħ ma ġiex iffissat fi żmien jumejn mir-riċezzjoni tar-rinviju fir-Reġistru tal-Qorti t'Isfel, kien hemm l-*inosservanza* tat-*terminu* preskritt mill-liġi;

Dwar it-tielet punt;

*Dan* hu l-punt *li* jagħti lok għal *ċerta* perplessità. Minn naħa waħda, "prima facie" jirripunja għall-loġika li terminu *impost* mill-liġi *jibqa'* bla sanzjoni (salva, s'intendi, ir-responsabilità tar-Reġistratur li ma jmexxix sollecitament l-attijiet kif għandu jagħmel skond l-art. 69 Kap. 15 fuq ċitat). Minn naħa l-oħra, lanqas jidher sewwa li d-dekors ta' dan it-terminu għandu jikkonduċi għan-nullità tal-proċeduri, u kwindi għall-impunità ta' l-*imputat*, una volta li dan kiser il-kondizzjoni tal-liberazzjoni kondizzjonali tiegħu;

Din il-Qorti, wara li rriflettiet fuq dan il-punt, jidhrilha li għandhom jingħatu dawn il-konsiderazzjonijiet:

(a) Bl-art. 513(d) tal-Kap. 12 ġew reżi applikabbli għall-proċeduri kriminali, fost dispożizzjonijiet oħra, l-art. 96 u l-art. 103 tal-Kap. 15, u minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jidher li d-dekors tat-terminu, anki jekk legali, ma hux fatali meta t-terminu ma jkunx perentorju;

X'inhu, issa, terminu perentorju?

Ma tantx hu faċili fis-sistema leġislativ Malti li tingħata definizzjoni preċiża u kategorika tal-kelma "perentorju". Leġislazzjonijiet oħra jagħtu indikazzjoni fis-sens ta' dik il-kelma, bħal l-art. 46 tal-Kodiċi tal-Proċedura Taljan, li jistabbilixxi bħala regola l-improrogabilità tat-terminu li għalih il-liġi tikkommina d-dekadenza jew in-nullità (ara anki Kod. Proc. tas-Sardegna ta' l-1854, art. 1107, u dak ta' l-1859, art. 1145). L-Imħallef sedenti mill-istudju tad-diversi dispożizzjonijiet kontenuti "passim" fid-diversi kodiċijiet prinċipali Maltin, ma jidhirlux li l-kunċett tal-perentorjetà jista' jiġi kompress f'dak il-limiti biss, u hu ta' fehma li jista jingħad b'sikurezza dak li ġej; ċjoè li t-terminu legali hu perentorju:

(1) Meta l-liġi tiddikjarah espressament tali, bħal ma għamlet, "inter alia", fl-art. 249 Kap. 15, għar-rigward tat-termini ta' l-appell;

(2) Meta jkun hemm espressament preskritta l-piena tan-nullità jew tad-dekadenza, bħall fl-art. 209 Kap. 12, li jinnewtralizza l-proċeduri għall-adulterju jekk il-kwerela ma ssirx fi żmien sitt ġimgħat; fl-art. 217, li jiċħad il-proċeduri għall-korruzzjoni ta' minorenni jekk il-kwerela ma ssirx fi żmien sena; fl-art. 683, li jolqot bi preskrizzjoni l-azzjonijiet li ma jinġiebux fiż-żmien preskritt;

(3) Meta l-liġi stess tikkommina ċerti konsegwenzi oħra bl-għeluq tat-terminu, bħal l-art. 444(1) Kap. 12, li jagħti lill-imputat id-dritt assolut għall-libertà provviżorja meta l-proroga għall-preżentazzjoni ta' l-att ta' l-akkuża taqbeż l-erbgħin ġurnata; l-art. 596, fejn l-akkużat jista' jiġi liberat jekk l-att ta' l-akkuża ma jiġix preżentat fiż-żmien; l-art. 452(5) Kap. 12, li jiċħad il-produzzjoni ta' xhieda li isimhom ma nġiebx fin-nota fiż-żmien stabbilit; l-art. 552 Kap. 15,

li jirrendi invalidi attijiet magħmula bis-saħħa ta' digriet tas-Sekond'Awla mogħti aktar minn xahrejn qabel; l-art. 849 (2) Kap. 15, li jirrendi null mandat jekk il-pretensjoni ma tiġix dedotta fit-terminu stabbilit; ecc. ecc.;

(4) Meta t-terminu jkun ta' xorta tali li ma jistax ma jitqiesx fatali, bħal l-art. 113 (1) Kap. 12, għar-rigward taż-żmien li fih għandha tiġi konkjuża l-kumpilazzjoni; l-art. 429 Kap. 12, għar-rigward taż-żmien li fih għandu jiġi preżentat ir-rikors ta' l-appell; l-art. 365(2) Kap. 12, għar-rigward taż-żmien li fih għandu jiġi preżentat quddiem il-Qorti bniedem arrestat;

Issa, fil-każ preżenti, it-terminu ta' jumejn faq imsemmi ma hux dikjarat mill-Liġi bħala perentorju, u lanqas il-liġi ma tikkommina ebda nullità jew dekadenza, jew konsegwenza oħra. Kwantu għax-xorta tiegħu, din ma tidherx tali li ġġib il-karattru perentorju, kif inhu t-terminu ta' l-appell, li hu bażat fuq l-interess ġenerali li wara ċertu żmien il-ġudikat jakkwista stabilità. It-terminu fil-kwistjoni jidher pjuttost wieħed minn dawk li nessi mad-mezzi ta' istruzzjoni, u intiż biex jissollecita l-andament tal-proċedura. Fil-kawża "Domenico Marziale vs. Sotto Ispettore Antonio Depares", deċiża minn din il-Qorti, sedenti allura l-President Sir Antonio Micallef, fil-15 ta' Lulju, 1880, ġiet appuntu indagata ix-xorta tal-terminu tal-garanzija għall-frustieri biex jingħad jekk kienx perentorju, u ingħad preċiżament li kien wieħed minn dawk it-termini "stabiliti per sollecitare l'adempimento della obbligazione", u għalhekk mhux fatali. Jonqsu, kwindi, ir-raġunijiet li, fil-fehma ta' din il-Qorti, jagħmlu t-terminu perentorju:

(b) Anki jekk wieħed jieħu argument mit-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-art. 440 Kap. 12, jara li hemm lok għan-nullità meta din hi preskritta mil-liġi, jew meta l-vjolazzjoni jew nuqqas ikun sostanzjali. Ma jidherx li, fil-każ ta' dan it-terminu, jista' jingħad li d-dekors tal-jumejn huwa sostanzjali għall-meritu, għalkemm jista' jirritarda l-proċedura;

(e) Ma jidher x li fil-prelissjoni ta' dak it-terminu jista' jkun hemm xi skop tali li jaffettwa s-sustanza tal-każ. Probabilment, peress li t-terminu għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Kriminali hu ta' jumejn (art. 661 Kap. 12), il-leġislatur forsi ried li fil-każ li l-Qorti "a qua" tkun il-Qorti Kriminali, l-ordni tagħha tar-rinviju jiġi eżegwit fi żmien jumejn bl-appuntament tal-kawża mill-Qorti "ad quam";

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti hi ta' fehma li t-terminu ta' jumejn huwa għall-appuntament, u mhux għas-smiegħ tal-kawża; fi jibda jiddekorri mir-riċezzjoni tar-rinviju fir-Reġistru, u mhux minn mindu r-rinviju jitqiegħed quddiem il-Maġistrat personalment; u li ma hux terminu fatali b'mod li jġib l-annullament tal-proċeduri u l-konsegwenti impunità ta' l-artikolat li kiser l-obligazzjoni minnu assunta; salva r-responsabilità legali jew dipartimentali, ta' l-uffiċjal li jittraskura li jqiegħed ir-rinviju quddiem il-Maġistrat b'mod li jkun impossibbli l-appuntament fiż-żmien stabbilit (u dan in bażi għall-art. 61 Kap. 16 u art. 514 Kap. 12);

Fil-meritu:

Id-difensur osserva li l-piena li kellha tapplika l-Qorti t'Isfel kienet dik kontemplata fl-art. 383(2) Kap. 12, u mhux dik ta' l-art. 291(4);

Ikkunsidrat, fuq dan ir-riljev;

Dan ma hux korrett, għax l-art. 383(2)(c) hu applikabbli meta tikkonkorri l-adeżjoni ta' l-Attorney General, li l-liġi ssemmi espressament; mentri f'dan il-każ, fir-rinviju, l-Attorney General ikkwota wieħed jista' jara mill-proċess l-ieħor "Pul. vs. Zahra", 10 ta' Settembru, 1952), ma ċċitax l-art. 383(2)(c), wvoldiri li nat qalx li fil-fehma tiegħu kienet tkun adegwata l-piena hemm imsemmija;

Id-difiża talbet anki l-benefiċċju "laevioris poenae";

Ma jidher x li d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, fil-latitudini lilha permessa, tant hejn il-maximum u minimum tal-piena, kemm ukoll bid-degradanti ta' l-età, ġiet eżerċitata b'mod li l-piena hi manifestament eċċessiva; u ma hemmx raġunijiet biex tiġi disturbata dik id-diskrezzjoni;

Għalhekk din il-Qorti pprovdiet fuq l-appell billi, fis-sentenza tal-konsiderazzjonijiet premessi dwar is-sentenza preliminari tikkonferma s-sentenza l-oħra dwar il-meritu; u tiċħad l-appell.